MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-22 ta' Frar, 2012

Mandat Numru. 133/2012/1

**Maria Lourdes Sciberras, Nicholas Sciberras, Maria Antoinette Borg u Maria Bonavia**

**vs**

**John Tanti**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Maria Lourdes Sciberras, Nicholas Sciberras, Maria Antoinette Borg u Maria Bonavia li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti zzomm lil John Tanti milli b’xi mod jaghmel xogholijiet ta’ zvilupp, kostruzzjoni, skavar, demolizzjoni u caqliq ta’ hamrija fis-sit gewwa Triq Gdida fi Triq ir-Rebbiegha s-Siggiewi kif indikat fil-permess ta’ zvilupp mahrug mill-MEPA bin-numru PA 01862/10 (indikat u mberfel bil-kulur ahmar fuq il-pjanta anness u mmarkata Dok MS1 u MS2) liema sit jinsab adgjacenti ghal fondi 46, 47, 48 u 49 gewwa Triq San

Gakbu, is-Siggiewi u milli b'xi mod ikompli jaghmel hsara jew jidhol fil-fondi 46, 47, 48 u 49 gewwa Triq San Gakbu, is-Siggiewi proprjeta' tar-rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-intimat li ghar-ragunijiet fiha mfissra, oppona ghall-hrug tal-istess mandat.

Rat id-dokumenti.

Rat l-atti kollha .

Semghet lid-difensuri.

Qieset illi l-Art 873 (1) tal-Kap. 12 jipprovdi illi.

Art. **873** (1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Fir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-osservazzjoni li ghamlet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Gambina vs Fithome Limited (28 ta' Jannar 2005):-

*"F'dak l-istadju l-Qorti ma tkunx qed tidhol fil-mertu tal-kontroversja bejn il-partijiet, izda tkun qed tara jekk jirrizultawx l-elementi imsemmija rikjesti mill-ligi u jekk tkun sodisfatta li hemm ragunijiet prima facie ghaliex it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha, tordna li jinhareg il-mandat. L-iskop tal-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni mhux li jigi deciz jekk ir-rikorrenti ghandhomx dritt jew le fil-kontroversja imma l-iskop huwa biex tinghata protezzjoni provvizorja sakemm tigi deciza definittivament il-kontroversja u b'hekk il-posizzjoni bejn il-partijiet ma tigix pregudikata irrimedjabillment. Ghalhekk il-*

*konsiderazzjonijiet li taghmel il-Qorti qabel tordna l-hrug tal-mandat jew tichdu, mhumiex l-istess bhal dawk li taghmel meta tkun ser taghti decizjoni finali fuq il-mertu. Il-finalita', cjoe fejn trid tasal il-Qorti hija differenti - wahda hija protezzjoni provvisjorja u l-ohra hija decizjoni finali fil-mertu. Anke l-konsiderazzjonijiet li taghmel il-Qorti huma differenti ghax il finalita hija differenti. F'wahda tara jekk prima facie hemmx l-elementi ghal hrug tal-mandat u fl-ohra jekk ir-rikorrent ghandux ragun fil-mertu”*.

Fil-kaz in ezami, r-rikorrenti ma ressqu ebda prova biex issostnu dak li qed jallegaw, u cioe li qed issir lilhom xi invazjoni tal-proprjeta taghhom jew hsara lill-istess proprjeta. Wiehed kien jistenna li l-ilmenti tar-rikorrenti ikunu mqar sorretti minn informazzjoni teknika li perit inkarigat minnhom seta facilment jiccertifika. Ritratti ta' xogholijiet mehuda bla ebda kuntest ma jikkostitwixxu wahedhom ebda prova la ta' hsara u lanqas ta' invazjoni.

Ghaldaqstabt il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tal-31 ta' Jannar, 2012 u tichad it-talba definittivament.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------